**Kunsill Lokali – Marsaxlokk – Local Council**

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali MARSAXLOKK

# IS-SEBA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 48

Il-Ħamis 15 ta' Frar 2018

Il-Kunsilli Lokali Marsaxlokk iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2, Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk MXK1051, fl- 4:00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Horace Gauci – Sindku
Steven Grech – Viċi Sindku
Stephen Caruana – Kunsillier
Daniel Zerafa – Kunsillier
Janice Chetcuti – Kunsilliera

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Emma Vella – Segretarju Eżekuttiv

| | |
|---|---|
| 48.1 | Qari ta' ittri ta' apoloġiji |
| 48.1.1 | Ma kienx hemm. |
| 48.2 | Kunsiderazzjoni u approvazzjoni ta' Minuti |
| 48.2.1 | Kopja tal-Minuti tas-seduta preċedenti, seduta numru 47, kienet tqassmet lill-Kunsilliera qabel il-laqgħa u għaldaqstant il-minuti ittieħdu bħala moqrija. |
| 48.2.2 | Is-Sur Daniel Zerafa ppropona u s-Sur Steven Grech issekonda il-minuti ta' seduta 47 u ġew approvati b'votazzjoni unanima fost dawk preżenti. |
| 48.3 | Komunikazzjonijiet mis-Sindku |
| 48.3.1 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li nhar id-19 ta' Jannar flimkien mas-Sur Steven Grech u s-Sa. Emma Vella attenda għal laqgħa ma' Transport Malta u Projects Malta fejn ġiet diskussa Triq il-Kavallerizza. |
| 48.3.2 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li nhar id-19 ta' Jannar flimkien mas-Sur Steven Grech attenda għal laqgħa mal-*Water Services Corporation* (WSC) biex jiġu diskussa xogħolijiet vari. Ġiet diskussa wkoll it-Triq ta' Delimara u l-WSC provdiet dokumenti fejn kien dikjarat li t-*tarmac* se jsir minn fondi tal-EU u min-naħa tagħhom, il-WSC għaddew l-info kollha lil TM. Is-Sindku nforma l-Kunsilliera li qed jikkorrispondi ma' Transport Malta sabiex ikun infurmat meta ħa jibdew dawn ix-xogħolijiet. |
| 48.3.3 | Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali li nhar it-22 ta' Jannar flimkien mas-Sa. Janice Chetcuti, is-Sur Steven Grech u s-Sa. Emma Vella kellhom laqgħa mal-*Animal Welfare* rigward żona ġdida tal-għawm għaż-żwiemel. Is-Sindku spjega wkoll li s-Sa. Janice Chetcuti proponiet li jsir *pilot project* qabel ma tittieħed deċiżjoni finali. |
| 48.3.4 | Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali li nhar il-25 ta' Jannar flimkien mas-Sur Steven Grech u s-Sa.Emma Vella iltaqgha mal-kuntrattur il-ġdid tas-*soft areas* fejn ġie iffirmat it-tender il-ġdid. |
| 48.3.5 | Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali li nhar id-9 ta' Frar huwa kien imsiefer fuq xogħol tar-Reġjun Xlokk. Is-Sindku spjega li l-Kunsill Lokali ma ħareġ l-ebda fondi għal dan. |
| 48.4 | Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri |
| 48.4.1 | Is-Sur Steven Grech staqsa: "Il-Barrier tal-Pjazza"? Wara diskussjoni libera ġie deċiż li għandha titranġa l-*barrier* li hemm u tintalab stima tal-frekwenza tar-*remotes*. Intlaħaq ftehim li għandha tingħata *remote* waħda lill-klijent fuq kunsiderazzjoni u talba għal aktar minn waħda għandha tingħata bi ħlas. |
| 48.4.2 | Is-Sur Steven Grech staqsa: "L-imwejjed u s-siġġijiet"? Wara diskussjoni libera ġie deċiż li s-Sindku kellu jitlob laqgħa mal-awtoritajiet kompetenti sabiex jintlaħaq ftehim u tittieħed deċiżjoni fuq il-permessi tal-imwejjed u s-siġġijiet. |

| | |
|---|---|
| 48.4.3 | Is-Sur Steven Grech staqsa "Is-siġar taż-żebbuġ ta' Triq il-Port Ruman?" Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li jrid jintalab BOQ u jkun hemm permess biex jinqalgħu s-siġar taż-żebbuġ għar-raġuni li huma protetti. |
| 48.4.4 | Is-Sur Steven Grech staqsa: "*Road Markings* fi Triq il-Port Ruman?" Is-Segretarju Eżekuttiv informa lilll-Kunsilliera li intbgħatet korrispondenza lil TM sabiex ikunu ta' gwida f'dan ir-rigward. |
| 48.4.5 | Is-Sur Steven Grech staqsa: "Triq Tonin Attard?" Wara diskussjoni libera ġie deċiż li kellha tintalab li ssir tabella minn TM għal resident partikolari sabiex ikun jista' joħroġ bil-vettura tiegħu. |
| 48.4.6 | Is-Sur Sreven Grech staqsa: "Il-Mini tad-Djar tas-Sajjieda?" Il-Kunsill ġie nfurmat li x-xogħol ħa jitkompla u li hemm bżonn li jsir xi dawl. |
| 48.4.7 | Is- Sur Steven Grech staqsa: "Triq San Piju V – *road markings*?" Is-Sur Steven Grech staqsa għaliex ġew friskati r-*road markings* ta' Triq San Piju V meta ma kienx hemm bżonn Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsilliera li għandhom jibgħatu komunikazzjoni rigward toroq li għandhom ikunu ta' prijorità sabiex l-ewwel *road markings* li jsiru jkunu dawk li l-aktar għandhom bżonn. |
| 48.4.8 | Is-Sur Steven Grech staqsa: "Jum Marsaxlokk?" Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali li din is-sena Jum Marsaxlokk se jkun nhar il-Ħadd 29 t'April. |
| 48.4.9 | Is-Sur Steven Grech staqsa: "Il-Binja tal-Kunsill?" Is-Sindku informa l-Kunsilliera li għandu jikteb lill-Ministru konċernat kif ukoll lill-Prinċipal tal-Kulleġġ San Tumas More rigward biċċa art li tinsab fejn l-*Education Centre*. |
| 48.4.10 | Is-Sur Steven Grech staqsa: "Triq Kavallerizza?" Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali li se jkellem lill-Perit David Vassallo u se jkun qed jistenna risposta minn għandu għax kellu jkellem lis-Sur James Piscopo sabiex issir laqgħa f'dan ir-rigward. |
| 48.4.11 | Is-Sur Steven Grech staqsa: "Tex-Mex?" Wara diskussjoni libera ġie deċiż li r-rikjesta li saret mill-Perit Joseph Falzon f'isem is-sidien ta' Tex-Mex sabiex jieħdu ħsieb l-art li tinstab ħdejn il-Ponta tal-Qrajten għandha tiġi milqugħa, fuq bażi li din hija u se tibqa' art pubblika. Għalhekk il-Kunsill jibqa' jżomm id-dritt li jbiddel id-deċiżjoni tiegħu dwar dan, u kull intervent li jsir għandu jkun jaf bih il-Kunsill. |
| 48.4.12 | Is-Sur Steven Grech staqsa: "Fejn l-Elbros?" Wara diskussjoni libera fir-rigward li jitwaħħlu l-fanali fejn l-Elbros ġie deċiż li għandha tintalab stima lin-Nexos kemm jiġu jiswew il-fanali u biex jiġu mqabbda. |
| 48.4.13 | Is-Sur Steven Grech staqsa: "Triq Xerriek ma' Triq San Piju V?" Wara diskussjoni libera ġie deċiz li għandu jsir kanal mal-bankina. |
| 48.4.14 | Is-Sur Stephen Caruana staqsa: "Biex issir biċċa bankina fi Triq Lepanto?" Wara diskussjoni libera ġie deċiż li għandu jsir il-konkos għall-bankina. |
| 48.4.15 | Is-Sur Stephen Caruana staqsa: "Bozza ġdida fl-isqaq inti w dieħel minn fejn il-*Junker*?" Wara diskussjoni libera ġie deċiż li għandha tintalab stima lin-Nexos. |

| | |
|---|---|
| 48.4.16 | Is-Sur Stephen Caruana staqsa: "*Tarmac* N/S Birrikka?". Wara diskussjoni libera ġie deċiċ li ma tistax issir min-naħa tal-Kunsill. |
| 48.4.17 | Is-Sur Stephen Caruana staqsa: "Bozza fi Triq Abdosir"? Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li r-rapport kien sar u qed tiġi mistennija risposta. |
| 48.5 | Rapporti |
| 48.5.1 | - Il-Kunsill Lokali ġie nfurmat bid-delegazzjoni li se żżur Malta fil-jiem li ġejjin bejn il-Komun ta' Gela u l-Kunsill Lokali ta' Marsaxlokk. Is-Sindku informa lil Kunsilliera li ghalkemm kien ikkorrisponda permezz ta' ittra mas-Sindku ta' Gela hu ma kienx jaf bl-ebda fthemin. Is-Sur Steven Grech spjega li fl-assenza tas-Sindku, flimkien mas-Sur Daniel Zerafa u s-Sur Jordy Brincat kien attenda għal laqgħa mal-Ministeru tal-Enerġija u l-Ilma u l-Ministeru tal-Affarijiet Barrnin fejn ġew infurmati li kien hemm pjanat li jsir arranġament (fejn issemma wkoll Memorandum of Understanding [MOU]), bejn Gela u l-Kunsill Lokali ta' Marsaxlokk. Wara diskussjoni libera ġie deċiż li qabel ma jiġi ffirmat ftehim dan kellu jiġi diskuss bejn il-Kunsilliera biex tittiehed decizzjoni. Is-Sa. Janice Chetcuti infurmat lill-Kunsill Lokali li trid tkun infurmata b'kull ma jigri f'dan ir-rigward.<br><br>*F'dan l-istadju (18:00) ħareġ mill-laqgħa s-Sur Steven Grech.*<br><br>- Permezz ta' Ċirkolari numru 9/2017 maħruġa mill-Gvern Lokali, il-Kunsilliera ġew infurmati li l-Kunsill se jinghata l-ammont ta' €5,000 għall-attività *Fish Fest*. Wara diskussjoni libera ġie deċiż li għandu jinħatar Sotto Kumitat għal dan il-għan.<br><br>- Il-Kunsill Lokali ġie infurmat b'korrispondenza minn residenti li joqgħodu *N/S fi Triq Tas-Silġ,* fejn ġie mitlub biex tingħata isem lit-triq. Wara diskussjoni libera ġie deċiż li l-Kunsill għandu jikkonferma mal-Kummissjoni Elettorali u jibghat dokumenti ta' TM fejn huwa dokumentat li t-triq hija privata. F'każ li ma jkunx hemm oġġezzjoni, it-Triq tingħata l-isem ta' Triq ir-Rizzi.<br><br>- Permezz ta' Ċirkolari numru 1/2018 maħruġa mill-Gvern Lokali, il-Kunsilliera ġew infurmati bl-iskema tal-Korsijiet Lifelong Learning 2018-2019. Wara dikussjoni libera ġie deċiz li l-Kunsill Lokali għandu japplika għal dawn ul-korsijiet.<br><br>- Il-Kunsilliera ġew infurmati b'korrispondenza datata 24 ta' Jannar 2018 mis-Sur Joseph Scerri tal-Primary Health Care rigward il-ftehim biex issir Berġa fl-*Education Centre* ta' Marsaxlokk u tiġi devoluta lill-istess Kunsill. Wara diskussjoni libera ġie deċiż li l-*Education Centre* kien ingħata għajnuna ta' fondi speċifiċi mill-Fond Proġetti Kapitali għall-għan ta' edukazzjoni u b'hekk ma kienx possibli li l-Berġa ssir hemm.<br><br>- Permezz ta' Ċirkolari numru 2018/008 maħruġa mill-Gvern Lokali, il-Kunsilliera ġew infurmati bl-Inizjattiva MCCF 2018, fejn il-Kunsilliera setgħu jikkontribwixxu €2.33 fix-xahar għall-istess MCCF. Wara diskussjoni libera ġie deċiż li dan kien diġà approvat f'laqgħa tal-Kunsill fl-2017, u żied jgħid li jaqbel li jipparteċipa.<br><br>- Il-Kunsilliera ġew infurmata b'korrispondenza mibgħuta fis-27 ta' Jannar 2018 minn Dr Rachael Scicluna rigward l-istorbju max-Xatt li ġej mill-karozzi tal-linja u ankè b'talba għal-*bins* għall-*waste* tal-klieb. Wara diskussjoni libera ġie deċiż li fir-rigward ta' tal-linja, |

| | |
|---|---|
| | il-Kunsill għandu jikkomunika ma’ Transport Malta. Rigward il-*bins* il-Kunsill Lokali ser ikun qed jalloka aktar bins fil-lokalità.<br><br>- Il-Kunsill Lokali ġie infurmat b’korripondenza mingħand is-Sur Robert Agius fejn ilmenta rigward triq kollha hofor li hemm bżonn li titranġa. Wara diskussjoni libera ġie deċiż li s-Sindku għandu jikkomunika mal-Ministeru konċernat.<br><br>- Il-Kunsilliera ġew infurmati b’korripondenza mis-Sur Angelo Baldacchnio, President tal-Għaqda Mużikali Madonna ta’ Pompei, Marsaxlokk, fejn bagħat stima ta’ marċ mat-toroq f’Marsaxlokk għall-*Fireworks Festival*. Wara diskussjoni libera ġie deċiż li din għandha tiġi diskussa mal-MTA, li huma l-organizzaturi ewlenin ta’ dan il-festival.<br><br>- Il-Kunsilliera ġew infurmati b’korripondenza mis-Sur Angelo Baldacchnio, President tal-Għaqda Mużikali Madonna ta’ Pompei, Marsaxlokk, flimkien mal-Għaqda Ġbir tan-Nar, fejn dawn qed jitolbu biex japplikaw għal permess sabiex jorganizzaw BBQ fil-Pjazza ta’ Marsaxlokk man-naħa tal-bahar dakinhar fil-*Fireworks Festival*. Wara diskussjoni libera ġie deċiż li din ir-rikjesta għandha tiġi diskussa mal-MTA li huma l-organizzaturi ewlenin ta’ dan il-festival.<br><br>- Is-Sindku informa lill-Kunsilliera rigward informazzjoni tal-applikazzjonijiet għal żvilupp fejn ġie nfurmat li meta l-Kunsill jesprimi interess, dan ikun qed jaqbel mal-proġett imma jrid ikun infurmat kull meta jkun hemm tibdil ta’ pjanti biss. B’hekk ma jkunx jista’ jappella. Is-Sindku żied jgħid li mhux bizejjed li tkun taf bit-tibdil. Għaldaqstant jekk il-Kunsill ikollu dubju, dan għandu jibda joġġezzjona bil-miktub u mhux jirreġistra l-interess biss. Wara diskussjoni libera ġie deċiż li l-Kunsill Lokali għandu jibda joġġezzjona f’każijiet li ma jaqbilx jew għandu dubju fil-proġett.<br><br>- Is-Sindku ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali kopja tar-Rapport Finanzjarju ta’ kull kwart għall-perjodu Ottubru-Diċembru 2017, flimkien mal-abozz tal-Financial Statements għas-sena 2017. Is-Sur Gauci stieden lis-Segretarju Eżekuttiv jispejga r-rapporti msemmija.<br><br>- Is-Segretarju Eżekuttiv għadda sabiex jagħti spjegazzjoni tar-rapporti in-kwistjoni u spjega miżuri li kienu ittiehdu bil-għan illi titjieb is-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill Lokali, liema miżuri kienu ħallew il-frott tagħhom u ġew riflessi fir-rapporti imsemmija. Fuq proposta tas-Sindku, issekondat mill-Kunsillier Daniel Zerafa, il-Kunsill Lokali approva dawn uż-żewġ rapporti. |
| 48.6 | Mozzjonijiet |
| 48.6.1 | Ma kienx hemm. |
| 48.7 | Sejħiet għall-Offerti |
| 48.7.1 | Il-Kunsill Lokali ġie nfurmat li t-tender tal-Bulky Refuse kien ġie iffirmat. |
| 48.7.2 | Il-Kunsill Lokali ġie nfurmat li t-tender tas-Soft Areas kien ġie iffirmat. |

| | |
|---|---|
| 48.7.3 | Il-Kunsill Lokali ġie nfurmat li t-tender tal-Perit għandu jiġi iffirmat nhar it-Tnejn 19 ta' Frar 2018. |
| 48.7.4 | Il-Kunsill Lokali ġie nfurmat li trid issir evalwazzjoni oħra min-naha tal-Kunsilliera fuq it-tender tal-i*Street Sweeping.* |
| 48.7.5 | Il-Kunsilliera ġew informati li kien jirrikjedi li jinħareġ tender ieħor għall-accountant fi ħdan il-Kunsill Lokali, u dan għar-raġuni li l-accountant kurrenti ma tistax tkompli bis-servizz tagħha sa Novembru 2018. Il-Kunsill ġie mistoqsi jekk isibx oġġezzjoni sabiex tinħatar persuna teknika bi ħlas biex jinħareg it-tender il-ġdid.<br><br>Wara diskussjoni libera ġie deċiż li l-persuna teknika għandha tinħatar sabiex jinħareġ danit-tender. |
| 48.8 | Monti ta' nhar ta' Ħadd |
| 48.8.1 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li kien hemm korrispondenza għaddejja rigward il-monti tal-Ħadd f'Marsaxlokk. Is-Sindku semma' li wara li ngħatat s-somma lil diversi bejjiegħa, bi qbil sabiex jirrinunzjaw il-posta tagħhom tal-Ħadd f'Marsaxlokk, ħa tingħata somma oħra lil 10 bejjiegħa oħra, li inkluż l-oħrajn se jammontaw għal 66. Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera preżenti li l-periti tal-Gvern qed jaħdmu fuq ir-rilokazzjoni tal-monti u talab l-opinjoni tal-Kunsill.<br><br>Wara diskussjoni libera ġie deċiż li għandhom jiġu diskussa l-ħinijiet tal-armar tal-monti, il-qisien tal-posta, tindif, rassenja tal-monti, infurzar u l-*waiting list* ta' applikazzjonijiet li jridu posta. |
| 48.9 | Ħaddiema Assenjati |
| 48.9.1 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera rigward rapport li kien sar fil-konfront tal-ħaddiema assenjati mal-Kunsill Lokali, u meta dwar meta l-ispettur tagħhom żar il-binja tal-Kunsill Lokali. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li mal-*handover* tax-xogħol kien infurmat li l-ħaddiema kienu jirrispondu lis-Sindku. Il-Kunsill Lokali ġie nfurmat mis-Segretarju Eżekuttiv li wara li sar ir-rapport mill-ispettur konċernat, kienet inżammet laqgħa fid-dettal mas-CEO ta' din il-kumpanija.<br><br>Wara diskusjoni libera ġie deċiż li l-ħaddiema assenjati għandhom jibdew jirrispondu lis-Segretarju Eżekuttiv. |
| 48.10 | Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskedi ta' pagamenti |
| 48.10.1 | Is-Sindku poġġa fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali skeda ta' pagamenti (Skeda nru. 02/18) għall-approvazzjoni. |
| 48.10.2 | Fuq mozzjoni tas-Sur Stephen Caruana, issekondata mis-Sur Daniel Zerafa, il-Kunsill Lokali unanimament approva l-lista li hi annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti. |
| | Is-Sindku poġġa fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali lista ta' *petty cash* maħruġ matul ix-xahar ta' Frar għall-approvazzjoni tal-Kunsill Lokali. |

| | |
|---|---|
| 48.11 | Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss |
| 48.11.1 | Is-Seduta tal-Kunsill Lokali ġiet sospiża fit-7:40pm għax il-ħin ġie eżawrit. Il-Kunsill iddeċieda li s-seduta tiġi aġġornata għal Laqgha b'Urġenza għal nhar it-Tnejn 19 ta' Frar 2018 fid-9:00am.<br><br>Seduta oħra tal-Kunsill imbagħad issir nhar il-Ħamis 15 ta' Marzu 2018 fl-4:00pm. |

Konfermati, illum 15 ta' Marzu 2018.

IFFIRMATA

__________________
Horace Gauci
Sindku

IFFIRMATA

__________________
Emma Vella
Segretarju Eżekuttiv